**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 16**

**Il-Ħamis 5 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

**16.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**16.01.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**16.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 15)**

**16.02.01** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-minuti ta' seduta **15** ġew approvati unanimament.

**16.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**16.03.01** ***"Uniformi Ħaddiema" -*** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat lill-Kunsilliera preżenti kwotazzjoni rigward l-uniformijiet tal-ħaddiema. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat kif l-uniformijiet ordnati s-sena l-oħra ma baqgħux tajbin għall-użu għalhekk inġabet kwotazzjoni ġdida li tammonta għal €916.27. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu din il-kwotazzjoni.

**16.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**16.04.01** Is-Sindku John Schembri qal li waqt laqgħa ma' Transport Malta huwa ressaq il-proposta sabiex issir venda f'Ħal Luqa, għaliex tal-linja qed ikunu kollha mimlijin u ma jtellgħux lil kulħadd. Is-Sindku John Schembri tenna li din il-venda ma tistax issir, għaliex il-vened m'għadhomx isiru, pero tista' tiżdied il-frekwenza ta' tal-linja. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo ssuġġerixxa li jkun hemm żieda fir-rotot u tal-linja jkunu aktar frekwenti.

**16.04.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa jekk forsi l-venda tistax issir minn fejn il-pompa tal-petrol li tinsab fi Triq il-Ġdida. Is-Sindku John Schembri wieġeb li żgur li le għaliex il-vened m'għadhomx isiru.

**16.04.03** Is-Sindku John Schembri kien mitlub jagħti tweġiba lit-Transport Malta jekk il-Kunsill jaqbilx mar-rotot proposti tat-trasport pubbliku. Il-Kunsilliera preżenti qablu li t-trasport pubbliku minflok jgħaddi minn Triq Ġużeppi Ellul, jgħaddi għal Triq Garibaldi għall-Kunsill tal-Ewropa u jaqbad il-flyover. B'hekk inkunu qed nevitaw inkonvenjent għan-nies. Il-Kunsilliera preżenti ukoll issuġġerixxew li t-trasport pubbliku jgħaddi minn Triq Ġużeppi Ellul u mhux minn Triq il-Karmnu, tingħalaq biċċa minn Triq Ġużeppi Ellul u jgħaddu minn Triq San Tumas.

**16.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**16.05.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar għamel referenza għall-apoloġija li għamel għaliex ma setax jattendi l-Laqgħa b'Urġenza Nru 17 għaliex kien xogħol. Il-Kunsillier Andrew Cassar fisser li huwa ma ġiex jaqa' u jqum li ma ġiex minkejja li huwa ukoll ried li ssir laqgħa b'urġenza. Il-Kunsillier Andrew Cassar sostna li ma jistax jaqbad u jiġi meta tissejjaħ laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsillier Frederick Aquilina u l-Kunsillier Andrew Cassar, li kienu huma li talbu għal din il-laqgħa b'urġenza rringrazzjaw lis-Sindku John Schembri li huwa laqa' t-talba tagħhom u tali laqgħa saret.

**16.05.02** Il-Kunsillier Andrew Cassar semma' li waslulu rapporti li l-latrina tal-bandli qiegħda tkun magħluqa. Il-Kunsillier Andrew Cassar qal li llum qabel is-seduta, għadda minn hemm u filfatt kienet magħluqa. Is-Sindku John Schembri qal li se jivverfika dan l-ilment u li se jara li l-latrina tibqa' miftuħa sad-9 ta' bil-lejl.

**16.05.03** Il-Kunsillier Andrew Cassar saqsa lis-Sindku John Schembri jekk jistax isir xi sound protection fis-service road ta' Triq Ġanni Vassallo u Triq Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku John Schembri wieġbu li se jkun qed jara' x'jista' jagħmel.

**16.05.04** Il-Kunsillier Andrew Cassar saqsa lis-Sindku John Schembri jekk is-sinjali fi Triq Ġużeppi Ellul ma' Triq Ġorġ Zahra jistgħux minn sofor isiru bojod. Is-Sindku John Schembri qal li se jkun qed jagħmel kuntatt ma' Transport Malta dwar din il-proposta.

**16.05.05** Il-Kunsillier Frederick Aquilina wera' x-xewqa li kull laqgħa li tattendi s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell tibda tieħu l-minuti u jkunu ppreżentati kull laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li l-ewwel nett ma tantx tattendi laqgħat u m'għandiex ir-riżorsi biex tieħu l-minuti ta' kull laqgħa, pero tibqa' tinforma lill-Kunsilliera b'dak kollu li għaddej waqt is-seduta, bħalma dejjem għamlet.

**16.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**16.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li t-Tnejn 9 ta' Ġunju se tibda taħdem magħna ħaddiema ġdida u li ntbagħtet lilna mill-iskema tal-Komunita`. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell flimkien mas-Sindku John Schembri ltaqgħu ma' din il-persuna. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret li din il-persuna se tkun ukoll fuq Customer Care u l-aktar li se tkun iffukata hija fuq it-telefown u l-bulky refuse.

**16.07 Korrispondenza**

**16.07.01** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva talba mil-Luqa Football Club dwar kollaborazzjoni sabiex tinxtara l-magna għall-printing ta' fuq il-flokkijiet tal-plejers. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li jagħtu €760.65, nofs l-ammont ta' din il-magna.

**16.07.02** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva korrispondenza minn Calypso Radio rigward xi features li jistgħu jsiru dwar Ħal Luqa, u li dawn jiswew €450. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li tali features għandhom isiru.

**16.08 Evalwazzjoni ta' Jum Ħal Luqa**

**16.08.01** Is-Sindku John Schembri rringrazzja lill-Kunsillier Jeffrey Scicluna ta' xogħolu sabiex Jum Ħal Luqa kien suċċess. Il-Kunsillier Frederick Aquilina rrimarka li kien hemm xi nuqqasijiet fosthom li l-karozzi fl-isfond tal-palk kienu koroh. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ħadet nota ta' dan u qalet li s-sena d-dieħla jitneħħew il-karozzi kollha mit-triq Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li l-korteo mexa bla direzzjoni u li l-podium seta' ma kellux imwaħħal miegħu karta bl-arma ta' Ħal Luqa. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għas-sena d-dieħla jitqabbad organizzatur li jieħu ħsieb kollox u li jinxtara podium bl-arma ta'

Ħal Luqa sabiex jintuża għall-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku John Schembri rringrazzja lis-Sur Emanuel Cauchi tar-ritratti, lill-każin tal-Partit Nazzjonalista għad-dawl u s-sound.

## 16.09 Skema: SPI/SCI/05/2025: Finanzjament Karnival 2026

**16.09.01** Is-Sindku John Schembri fisser li għal din is-sena għall-Karnival 2026, jitqabbdu jdoqqu l-baned taż-żewġ każini flimkien mal-Guggen Band. Is-Sindku John Schembri qal li ssir kompetizzjoni tal-isbaħ ilbies u żfin tal-Karnival.

## 16.10 Skema: SPI/SCI/06/2025: Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

**16.10.01** Is-Sindku John Schembri flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu li bħala proġetti jsiru dawn, skont l-ordni ta' importanza:

1. Il-bini tas-sular ta' fuq tal-latrina fi Triq Dun Pawl
2. Il-bini ta' latrina, it-tqegħid ta' bankijiet u fanali ġodda fil-Family Park ta' Ħal Farruġ
3. Ir-restawr fuq il-faċċata taċ-ċimiterju ta' Valletta Road

## 16.11 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

**16.11.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 16.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**16.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju 2025, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 15 ta' Lulju 2025.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |